**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 007/2016**

**DC ('l-ilmentatrici')**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ('BOV', 'il-provditur tas-servizz' jew 'il-Bank')**

**Seduta tat-12 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru:**

**Ra l-ilment**, li qed isir kontra l-provditur tas-servizz, li jittratta l-investiment fil-*La Valette Multi Manager Property Fund* (*"LVMMPF"),* sottofond tal-*La Valette Funds SICAV p.l.c*.

Fit-30 ta' April 2007, l-ilmentatrici flimkien ma' ED, xtrat 8,492.523 s*hares* gewwa l-*LVMMPF* bil-prezz ta' Eur1.1569 ghall-valur totali ta' Eur9,825.[1] Din it-tranzazzjoni saret tramite il-*Finco Treasury Management Ltd.,* kumpanija ta' investiment licenzjata mill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.[2]

L-ilmentatrici issottomettiet li hija ma kellhiex esperjenza u gharfien fil-finanzi u kienet kellmet lill-*Finco* li kien taha parir biex tinvesti xi flus fl-*LVMMPF*. Hija sahqet li hija hadet parir minghand *Finco* peress li *"ma kellix esperjenza f'dawn it-tip ta' investimenti*".[3]

Gie sottomess li *"qatt ma rajt prospectus jew informazzjoni ohra dwar dan il-fond, però, wara sirt naf li dan kien investiment ghal investituri b'esperjenza fil-*

[1] A fol 1
[2] A fol 2
[3] A fol 57

*proprjetà u rrealizzajt li jien ma kontx wahda minn dawn”*.[4] L-ilmentatrici issottomettiet li l-investiment ma kienx, ghalhekk, addattat ghal htigijiet taghha.

L-ilmentatrici kienet accettat l-Offerta tal-Bank ta’ Eur0.75 fuq l-investiment li kienet ghamlet tramite l-*Finco.*[5]

L-ilmentatrici kellha investiment iehor li kienet ghamlet flimkien ma’ ED fil-*LVMMPF* ghall-ammont ta’ Eur19,427.50,[6] liema investiment kien sar direttament mal-*BOV*[7] li sehh f’Novembru 2005 u, ghalhekk, fi zmien qabel l-investiment li sar ma’ *Finco* fejn dan tal-ahhar sar f’April 2007, hekk kif indikat hawn fuq. L-ilmentatrici kienet accettat l-Offerta ta’ Eur0.75 fuq kull sehem fuq dan l-investiment[8] fl-*LVMMPF* li sar mal-*BOV* ghas-somma ta’ Eur14,897.22.[9] Fuq dan l-investiment l-ilmentatrici irceviet ukoll rifuzjoni ta’ Eur0.25 kull sehem ghas-somma ta’ Eur4,747.12,[10] peress li minn *review* tal-*file* taghha minn *Marccus Partners and Mazars Group* hija kienet ikkunsidrata li mhix eligibbli biex tinvesti fl-*LVMMPF* skont direttiva tal-*MFSA.*[11]

Fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2017, l-ilmentatrici issottomettiet li hija ghandha tiehu l-Eur0.25 ukoll fuq l-investiment li kienet ghamlet tramite *Finco* ghaliex “*finalment il-flus kienu tieghi u jiena allura l-beneficjarja*”.[12]

Qieghed jintalab li tircievi lura kumpens shih tal-kapital investit bl-interessi.[13]

**Ra r-risposta fejn il-provditur tas-servizz wiegeb:**

*“1. Illi in linea preliminari is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru m’ghandux il-kompetenza taht il-ligi biex jiddeciedi dwar il-validità o meno tal-kuntratt ta’ tranzazzjoni, jew jekk jorbotx il-kuntratt ta’ tranzazzjoni bejn il-partijiet, u semmai tali*

---

[4] *Ibid*
[5] A fol 24 u 25
[6] A fol 70
[7] A fol 68
[8] A fol 75
[9] A fol 50
[10] A fol 65
[11] Hekk kif mahruga fl-ittra datata 1 ta’ Gunju 2012, iffirmata minn Dr Andre J. Camilleri, bhala *Director General* tal-*MFSA* indirizzata lill-provditur tas-servizz.
[12] A fol 904
[13] A fol 1

*kwistjoni jekk titqajjem ghandha tigi deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'mod esklussiv;*

2. *Illi in linea preliminari ukoll, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu qabel xejn jirrifjuta li jezercita l-poteri tieghu stante tranzazzjoni li ghandha s-setgha ta' sentenza li ghaddiet in gudikat.*[14] *Minghajr limitazzjoni ghall-generalità tas-suespost dan jirrendi l-ilment de quo frivolu w vessatorju ai termini tal-artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555;*

3. *Illi in linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu ukoll jirrifjuta li jezercita l-poteri tieghu fil-konfront ta' BOV stante illi s-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghandu s-setgha li jittratta biss ilmenti li jkunu tressqu minn "klijenti eligibbli";*

4. *Illi, in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-BOV m'huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;*

5. *Illi in linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilmentatur la ghandu d-dritt u lanqas l-interess guridiku li jippromwovi dawn l-istanzi stante li biegh u ttrasferixxa d-drittijiet kollha tieghu inkluzi drittijiet litigjuzi fil-konfront tal-intimat, u allura ma jistax illum jezercita dritt li m'ghadux tieghu stante li kien gie debitament trasferit inter alia lill-intimat li kontra tieghu qieghed isir dan l-ilment, u dan jikkostitwixxi ukoll ksur tad-dritt fondamentali tal-intimat li jgawdu l-proprjetà tieghu;*

6. *In linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ilment huwa preskritt:*

   *(i) Kwalunkwe azzjoni li ghandha l-effett li tirrexxindi l-kuntratt li bih l-ilmentatur ittransiga mal-intimat hija preskritta bit-trapass ta' sentejn u dan abbazi tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

   *(ii) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument il-kuntratt ta' tranzazzjoni kellu jigi skartat, it-talbiet tal-ilmentatur msejsa fuq allegazjonijiet ta' responsabbilità extra contrattuale jew aquiliana huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

[14] Artikolu 1729(1) tal-Kodici Civili – Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta

7. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ilmentatur gie meqjus li jikkwalifika bhala 'Experienced Investor' skont l-Independent Review ta' Marccus Partners and Mazars Group u ghalhekk semmai ghandu juri li huwa 'Inexperienced Investor';*

8. *Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi fi kwalunkwe kaz l-ilmentatur ma sofra ebda dannu bhala rizultat ta' xi imgiba illegali tal-intimat, u li fl-ebda cirkostanza l-intimat, ma huwa responsabbli ghall-hlas lill-ilmentatur ta' kwalsiasi somma in linea ta' danni jew xort'ohra;*

9. *L-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu ssopportati mill-ilmentatur."*[15]

Waqt is-seduta tal 20 ta' Novembru 2017, il-provditur tas-servizz issottometta fosthom li "*l-ilmentatrici qed titlob il-25c li ma haditx fir-rigward tal-ammont ta' 8492.523 shares li kienet xtrat permezz tal-intermedjarju Finco. Il-Bank kien jaf biss lill-Finco u l-ilmentatrici inghatat parir minn Finco stess u, ghalhekk, jekk riedet setghet daret fuq Finco*".

**Sema' lill-partijiet u ra l-*affidavits* taghhom.**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz.**

**Jikkonsidra:**

Peress li l-provditur tas-servizz qed iqajjem l-eccezzjoni li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex ma kienx hu li taha l-parir u ma kienx hu li bieghilha l-investiment, l-Arbitru jrid jara jekk verament il-*Bank of Valletta p.l.c.* huwiex il-legittimu kontradittur.

Kull kaz irid jitqies skont il-merti tieghu. L-ilmentatrici mhix tilmenta li l-provditur tas-servizz naqas milli josserva l-prospett supplimentari li hareg il-provditur tas-servizz jew kumpaniji sussidjarji tieghu; jew li l-provditur tas-servizz naqas milli jinvesti kif suppost l-assi tal-investituri fdati lilu jew li naqas milli jaqdi d-doveri ta' kustodju kif kien obbligat li jaghmel. Izda hija qieghda tghid li kienet ghamlet zewg tranzazzjonijiet fil-*La Valette Multi Manager Property Fund* (*LVMMPF*),

[15] A fol 9 u 10

wahda saret fl-2005, fejn xtrat l-ishma direttament mill-*Bank of Valletta* u tranzazzjoni ohra fl-2007, li inghatat parir dwarha u inxtrat tramite *Finco Treasury Management Ltd*.

Dwar l-ewwel tranzazzjoni, jigifieri dik li inxtrat mill-*Bank of Valletta*, l-ilmentatrici kienet accettat l-Offerta ta' Eur0.75 fuq kull sehem fuq dan l-investiment[16] fl-*LVMMPF* li sar mal-*BOV* ghas-somma ta' Eur14,897.22.[17] Fuq dan l-investiment l-ilmentatrici irceviet ukoll rifuzjoni ta' Eur0.25 kull sehem ghas-somma ta' Eur4,747.12,[18] peress li minn *review* tal-*file* taghha minn *Marccus Partners and Mazars Group* hija kienet ikkunsidrata li mhix eligibbli biex tinvesti fl-*LVMMPF* skont direttiva tal-*MFSA.*[19]

Ghalhekk, dwar it-tranzazzjoni li saret mieghu, il-provditur tas-servizz hallasha kollox u, ghalhekk, l-ilmentatrici mhix taghmel ilment dwarha.

L-ilmentatrici qed tilmenta dwar it-tieni tranzazzjoni li saret fl-2007. Hija ssottomettiet li din it-tranzazzjoni saret tramite il-*Finco Treasury Management Ltd.,* kumpanija ta' investiment licenzjata mill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.[20]

L-ilmentatrici issottomettiet li hija ma kellhiex esperjenza u gharfien fil-finanzi u kienet kellmet lill-*Finco* li kien taha parir biex tinvesti xi flus fl-*LVMMPF*. Hija sahqet li hija hadet parir minghand *Finco* peress li "*ma kellix esperjenza f'dawn it-tip ta' investimenti*".[21] Gie sottomess li "*qatt ma rajt prospectus jew informazzjoni ohra dwar dan il-fond, però, wara sirt naf li dan kien investiment ghal investituri b'esperjenza fil-proprjetà u rrealizzajt li jien ma kontx wahda minn dawn*".[22]

L-ilmentatrici issottomettiet li l-investiment ma kienx, ghalhekk, addattat ghall-htigijiet taghha.

---

[16] A fol 75
[17] A fol 50
[18] A fol 65
[19] Hekk kif mahruga fl-ittra datata 1 ta' Gunju 2012, iffirmata minn Dr André J. Camilleri, bhala *Director General* tal-*MFSA* indirizzata lill-provditur tas-servizz.
[20] A fol 2
[21] A fol 57
[22] *Ibid.*

Essenzjalment, l-ilmentatrici qieghda tghid li nbieghilha prodott li ma kienx addattat ghaliha u, ghalhekk, sar bejgh hazin ta' investiment jew *misselling* tal-prodott.

Il-Qorti tal-Appell spjegat b'mod car min hu l-legittimu kontradittur. Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Stivala Maria Concetta v. Buttigieg Pierre,***[23] l-istess Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et*** **deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001** mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima face jekk il-persuna citata fil¬gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika Ii minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici".*

Mill-fatti tal-kaz jirrizulta li l-ilmentatrici ma kinitx xtrat l-investiment minghand il-provditur tas-servizz u, ghalhekk, ma kienx hu li kellu jwiegeb jekk il-prodott kienx addattat ghaliha jew le. Biex ikun jista' jaghmel dan l-ezercizzju, jigifieri jekk l-ilmentatrici kinitx '*Experienced Investor*' jew le, il-Bank ried jiltaqa' maghha, jispjegalha l-prodott, jara x'inhuma l-objettivi tal-investiment taghha u anke x'esperjenza kellha fi '*property funds'* kif kien dan il-prodott.

Il-provditur tas-servizz ma jistax jinsab responsabbli ghal dan l-ezercizzju kollu meta hu lanqas biss kellu l-opportunità jiltaqa' maghha ghaliex hija xtrat il-prodott tramite kumpanija ohra licenzjata mill-*MFSA* biex tkun tista' taghmel dan ix-xoghol.

Ghalhekk, anke skont il-gurisprudenza ikkwotata f'din id-decizjoni, il-provditur tas-servizz ma kienx "*materjalment parti fin-negozju li skont l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti."*[24]

[23] Deciza fit-22 ta' Jannar 2010
[24] *Ibid*.

Peress li fit-tieni tranzazzjoni li saret fl-2007 mill-ilmentatrici (u li minnha qed isir dan l-ilment), ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz, allura, l-provditur tas-servizz odjern ma jistax jitqies li kien il-legittimu kontradittur u, ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez limitatament ghal din l-eccezzjoni ghandhom jithallsu mill-ilmentatrici.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji